**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 030/2021**

**TP ('l-ilmentatrici')**

**vs**

**Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd.**

**(C13729) ('il-provditur tas-servizz' jew 'CCISL')**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,** fejn l-ilmentatrici talbet li tinghata lura l-kapital li gie investit fis-sena 2015 u 2016, tramite *Calamatta Cuschieri Investment Services Limited* ('il-provditur tas-servizz' jew 'CCISL'), f' *bond* bl-isem tal-*Isolux Corsan FIN BV* ('il-prodott' jew 'l-*Isolux*'), liema investiment falla.

**L-Ilment**

L-ilmentatrici spjegat li mal-provditur tas-servizz hija kienet ressqet mhux biss ilment bil-miktub fit-12 ta' Dicembru 2020, (hekk kif anness mal-ilment taghha) u li ghaliha rceviet risposta fil-5 ta' Jannar 2021,[1] izda ghamlet diversi lmenti verbali mar-rapprezentant ta' CCISL.

L-ilmentatrici identifikat dawn l-investimenti li fuqhom qed isir l-ilment:

- €8,000 investiti fit-22 ta' Jannar 2015;
- €10,000 investiti fit-12 ta' Marzu 2015; u
- €18,000 investiti fit-30 ta' Gunju 2016.

[1] Pagna (P.) 4 u 8

Gie sottomess li wara li l-ilmentatrici ghamlet dawn l-investimenti hija talbet kemm-il darba biex jinbieghu.

L-ilmentatrici sahqet li hija kienet ghazlet lil CCISL bhala kumpanija li maghha tinvesti flusha primarjament ghax hija llicenzjata b'*Category* 3, fejn tixtri bi prezz u tbiegh bi prezz oghla. Hija sahqet ukoll li apparti dan, f'kaz li hi tkun trid tbiegh, CCISL ghandha taqdiha anke jekk ikun ifisser li tixtrihom il-kumpanija bhala *market maker*.

Gie sottomess li, bhalma jista' jixhed il-konsulent ta' CCISL, hija kemm-il darba marret l-ufficcju u talbet biex dawn l-investimenti jinbieghu. Sahqet li CCISL ghandhom rendikont ta' dan kollu.

L-ilmentatrici spjegat li t-twegiba minn CCISL dejjem kienet li l-investimenti ma jistghux jinbieghu ghax il-*policy* tal-kumpanija hija li ma tbieghx qabel din ikollha *batch* ta' 100,000 li tkun tista' tbieghu f'daqqa.

L-ilmentatrici ziedet li ma kellhiex problema thallas *charges*, interessi u profitti tal-kumpaniji biex tixtri l-investimenti izda tifhem li dan igib mieghu ukoll obbligu li l-kumpanija tipprova taqdi lill-klijent ladarba dan irid ibiegh.

Spjegat ukoll li fit-22 ta' Frar cemplilha *financial advisor* gdid minn CCISL fejn infurmaha li ser ikun l-*advisor* taghha. Dan minghajr qatt ma kellmet lill-*advisor* il-gdid jew kellha xi avviz li l-*financial advisor* taghha kien ser jinbidel. Qalilha li cemplilha biss biex jghidilha li l-*Isolux* gew iddikjarati ufficjalment falluti. Hija sahqet li ma tafx kemm fil-verità gew iddikjarati falluti proprju issa.

L-ilmentatrici qalet ukoll li l-*advisor* il-gdid qalilha wkoll biex taggorna lill-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji bit-telefonata tieghu u tkompli bl-ilment. Kumment li hija qalet li ma fehemitux.

L-ilmentatrici spjegat li jumejn wara t-telefonata tal-*advisor* il-gdid hija cemplet lura lil CCISL biex titlob dikjarazzjoni ta' falliment bil-miktub.

L-ilmentatrici tissottometti li l-provditur tas-servizz naqas primarjament ghax qatt ma pprova jaqdiha billi jbiegh l-investimenti taghha minkejja d-diversi talbiet li hija ghamlet.

L-ilmentatrici rrimarkat li hija qatt ma giet infurmata bil-miktub li dawn l-investimenti fallew. Issottomettiet li saret taf waqt laqgha li kellha ma'

konsulenta ohra ta' CCISL fejn kienet qaltilha li baghtitilha ittra. Tghid li din l-ittra qatt ma waslet ghandha u ghandha biss karta pprintjata dakinhar tal-laqgha bil-kontenut tal-ittra. L-ilmentatrici issottomettiet li din hija ittra generika li tinkludi biss tests minghajr data, dettalji personali, dettalji minn min qed tintbaghat, ecc.

**It-Talba tal-Ilmentatrici**

L-ilmentatrici issottomettiet li l-uniku rimedju li jista' jkun sufficjenti f'dan il-kaz huwa li tinghata lura dak il-kapital li gie investit.

Hija indikat l-ammont ta' €8,000 investiti fit-22 ta' Jannar 2015, l-€10,000 investiti fit-12 ta' Marzu 2015 u t-€18,000 investiti fit-30 ta' Gunju 2016.[2]

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:[3]**

1. Illi preliminarjament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet imqajma, CCISL teccepixxi illi l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni fir-rigward ta' dan il-kaz *ai termini* tal-Artiklu 21(1)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

   CCISL issottomettiet li t-€8,000 investiti fit-22 ta' Jannar 2015, l-€10,000 investiti fit-12 ta' Marzu 2015 u t-€18,000 investiti fit-30 ta' Gunju 2016 saru fl-investiment *6.625% Isolux Corsan Fin BV 2017-2021*.

   Il-provditur tas-servizz zied jghid li dwar id-dettalji tal-ilment, l-ilmentatrici ttenni li hija ndunat ghall-ewwel darba bil-kwistjoni li qed tilmenta dwarha fil-21 ta' Mejju tas-sena 2018, hekk kif indikat taht is-Sezzjoni 4 tad-Dettalji tal-ilment.

   Però, CCISL issottomettiet li hija baghtet in-notifika ta' falliment u dettalji tar-ristrutturar tal-investiment fid-data hekk kif anness f'Dok 1 mar-risposta.[4]

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, CCISL irriservat id-dritt li tidhol fil-mertu fil-procedura annessa fil-paragrafu wiehed hawn fuq.

[2] P. 4
[3] P. 24-25
[4] P. 24 u 26

3. CCISL xtaqet madankollu tipprovdi lill-Arbitru l-ittra ufficjali ta' CCISL fejn tindika li l-ilmentatrici ghamlet dawn l-investimenti esegwiti fuq bazi ta' *Execution Only*. Dan minhabba li, kif kien xieraq u mitlub mill-*Conduct of Business Rules* tal-MFSA, l-ilmentatrici giet avzata b'komunikat bil-miktub mill-konsulent finanzjarju tal-provditur tas-servizz, li hi ma kinitx ipprovdiet bizzejjed informazzjoni mehtiega biex CCISL twettaq *suitability test* u/jew *appropriateness test* sabiex tiddetermina jekk dan l-investiment huwiex adattat ghaliha u, ghaldaqstant, ma tibbenefikax mill-protezzjoni moghtija taht ir-regoli tal-kondotta tan-negozju. Din it-twissija giet annessa bhala Dok. 2 mar-risposta.[5]

   Il-provditur tas-servizz irrimarka f'dan ir-rigward li parti minn dawn l-investimenti kienu nxtraw minn persuni qrib l-ilmentatrici u trasferiti lilha. Gie sottomess uk,oll li dawn l-investimenti nxtraw minn dawn il-persuni, ghal darb'ohra taht servizz *Execution Only*.

4. CCISL irreferit ghall-parti tal-ilment fejn l-ilmentatrici tghid li marret ghand il-provditur tas-servizz diversi drabi titlob sabiex l-investiment taghha jigi mibjugh. CCISL talbet lill-ilmentatrici biex tipprovdi provi konkreti ta' din l-allegazzjoni taghha, inkluz dokumenti fejn hija talbet il-bejgh ta' dawn l-istrumenti, peress li CCISL m'ghandha l-ebda rikjesta minghand l-ilmentatrici biex tifdi dawn l-istrumenti qabel il-falliment taghhom.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjoni Preliminari**

Fir-risposta tieghu, il-Provditur tas-Servizz qajjem l-eccezjoni li

[5] P. 27-30

*'l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni fir-rigward ta' dan il-kaz ai termini tal-Artiklu 21(1)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta …'.*[6]

Il-Provditur tas-Servizz ghamel referenza ghad-dati ta' meta nxtara l-prodott, jigifieri, fit-22 ta' Jannar 2015, 12 ta' Marzu 2015 u 30 ta' Gunju 2016, u rrimarka wkoll li l-ilmentatrici *'ndunat ghall-ewwel darba bil-kwistjoni li qed tilmenta dwarha fil-21 ta' Mejju tas-sena 2018',* hekk kif imnizzel fil-formola taghha tal-ilment. [7]

Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ('l-Att'), li jittratta l-kompetenza tal-Arbitru, jipprovdi dan li gej:

*'(c) Arbitru ghandu jkollu wkoll il-kompetenza li jisma' ilmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, jekk ilment jigi registrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz finanzjarju mhux izjed tard minn sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun qed taghmel l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom'.*

L-Att gie fis-sehh fit-18 ta' April 2016. Skont l-imsemmi artikolu, l-ilmentatrici kellha sentejn biex taghmel ilment irregistrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz mid-data ta' meta l-ewwel kellha konoxxenza tal-aspetti li qieghda tilmenta dwarhom.

L-ilment primarjament jinvolvi l-allegat nuqqas tal-provditur tas-servizz li jbiegh l-investiment taghha minkejja d-diversi talbiet tal-ilmentatrici biex dan jinbiegh. L-ilmentatrici allegat ukoll li qatt ma giet infurmata bil-miktub li l-investiment falla u li saret taf waqt laqgha li kellha mal-ufficjal tal-provditur tas-servizz.[8]

Filwaqt li fis-sottomissjonijiet tieghu, u waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2021, il-provditur tas-servizz issottometta li ntbghatu diversi notifiki sa mill-1 ta' Frar 2016 fuq ir-ristrutturar tal-prodott[9] u, allura, rigward id-diffikultajiet ta' dan l-investiment, l-ilmentatrici min-naha taghha sahqet li qatt ma rceviett notifiki li

[6] P. 24
[7] *Ibid.*
[8] P. 4
[9] P. 37 u 83

l-investiment kien ser ifalli jew falla[10] u ddikjarat li *'ahna qatt ma rcevejna notifiki'*.[11]

L-Arbitru jinnota li n-notifiki pprezentati mill-provditur tas-servizz matul il-proceduri tal-kaz ghandhom certu nuqqasijiet peress li jew m'ghandhomx data,[12] jew huma ndirizzati b'mod generali,[13] jew indirizzati lil klijenti ohra.[14]

Minkejja dan izda, jibqa' l-fatt li l-ilmentatrici stess indikat, fl-ilment taghha, d-data ta' '*21/05/2018'*[15] bhala dik id-data meta ndunat bil-kwestjonijiet li qieghda tilmenta dwarhom.

L-Arbitru jinnota li din id-data tirrifletti d-data ta' ittra mahruga mill-provditur tas-servizz fil-21 ta' Mejju 2018 rigward l-falliment tal-prodott in kwestjoni.[16] Tali ittra giet deskritta mill-provditur tas-servizz bhala *'notifika ahharija li il-Bond ma kellu l-ebda valur'*.[17]

Apparti minn hekk, l-Arbitru jinnota li matul il-proceduri tal-kaz hareg li t-tifla tal-ilmentatrici stess kienet taf f'Gunju tal-2016, bid-diffikultajiet li kien qed jiffaccja l-prodott.

Fil-fatt, it-tifla tal-ilmentatrici, li assistiet lil ommha fl-ilment in kwestjoni,[18] kienet originarjament hi x-xerrej tal-ahhar investiment ta' Eur18,000 li sar f'Gunju 2016, qabel ma dan jidher li gie eventwalment trasferit minnha lil ommha.[19] Dan gie kkonfermat fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021, meta t-tifla tal-ilmentatrici xehdet li, *'Nghid li x-xiri sar min-naha tieghi … Jien naf li hadt ir-riskju u naf li s-sitwazzjoni ma kinitx tajba …'*.[20]

Barra minn hekk, ma giet ipprezentata l-ebda evidenza tad-dati jew perjodu ta' meta saru l-allegati rikjesti tal-bejgh tal-prodott mill-ilmentatrici.

---

[10] P. 83
[11] *Ibid*.
[12] P. 26
[13] P. 75-78
[14] P. 79-81 – Il-*'Client Code'* tal-ilmentatrici kien *'ELL00290'* hekk kif johrog minn *'Market Order Form'* f'isem l-ilmentatrici (P.29) u *'Dok 2'* anness mas-sottomissjonijiet tal-provditur tas-servizz tal-04/05/2021 (P.36).
[15] P. 2
[16] P. 81 u 26
[17] P. 37
[18] P. 1 u 83
[19] P. 25, 68 u 83
[20] P. 84

L-Arbitru jinnota li waqt is-seduta tas-27 t'April 2021, l-ilmentatrici ma ftakritx lanqas meta saret jew saru l-allegat rikjesta/i ta' bejgh. L-ilmentatrici xehdet li:[21]

*'Ma niftakarx meta ghidtlu biex ibieghhomli. Biex inkellmu jien kont immur jew wicc'imb wicc jew inkella jcempilli jew incempillu. Nghid li f'dan il-kaz meta ridt nghidlu biex ibieghhomli tal-Isolux, kont mort l-ufficcju. Hu ma baqax jahdem ma' dik il-kumpanija u jien gejt taht advisor, Sonia, u xorta bqajt nghidilha li dawk ridt inbieghhom ghax bdejt nibza' …'*

Waqt l-istess seduta tas-27 t'April 2021, l-ilmentatrici regghet ikkonfermat waqt il-kontroezami li:

*'Mistoqsija meta mort naghmel ir-rikjesta ghall-bejgh, nghid li lanqas idea ma ghandi'*.[22]

L-ilmentatrici ma gabet l-ebda prova ta' dak li allegat, jigifieri, li marret diversi drabi ghand il-provditur tas-servizz titolbu jbieghilha l-investment qabel dan falla. U l-ilment hu proprju dwar dan.

Id-data tal-21 ta' Mejju 2018, indikata mill-ilmentatrici stess fil-formola tal-ilment, ghalhekk tibqa' d-data applikabbli ghall-iskop tal-Artikolu 21(1)(c) tal-Att.

Skont dokumentazzjoni esebita bhala parti mill-proceduri tal-kaz, johrog car li l-ilmentatrici ghamlet ilment bil-miktub mal-provditur tas-servizz permezz ta' ittra datata 12 ta' Dicembru 2020.

Dan huwa kkonfermat mill-ilmentatrici stess fid-deskrizzjoni tal-ilment taghha,[23] u mill-ittri mahruga minn CCISL indirizzati lill-ilmentatrici li ghandhom id-data tas-16 ta' Dicembru 2020[24] u l-5 ta' Jannar [2021].[25]

Iz-zewg ittri mahruga mill-provditur tas-servizz, li t-tnejn jaghmlu referenza ghal ilment formali tal-ilmentatrici ta' Dicembru 2020, gewipprezentati mill-ilmentatrici stess.

[21] P. 32
[22] P. 33
[23] P. 2
[24] Fejn il-Provditur tas-Servizz ikkonferma li rcieva l-ittra tal-ilment tal-ilmentatrici datata 12 ta' Dicembru 2020 - P. 14
[25] Ir-risposta formali tal-Provditur tas-Servizz ghall-ilment tal-ilmentatrici tat-12 ta' Dicembru 2020 – P. 8

Fic-cirkostanzi, l-Arbitru jqis li skont artikolu 21(1)(c) tal-Att, l-ilmentatrici kellha taghmel ilment irregistrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz sa mhux aktar tard mill-21 ta’ Mejju 2020. Peress li tali ilment sar biss f’Dicembru 2020 u, ghalhekk, izjed tard mill-perjodu preskritt mill-artikolu 21(1)(c) tal-Att, l-Arbitru qed jilqa’ l-eccezzjoni preliminari maghmula mill-provditur tas-servizz.

**Konkluzjoni**

**L-Arbitru ghalhekk jiddecidi li ma ghandhux kompetenza biex jikkunsidra dan l-ilment *ai termini* tal-artikolu 21(1)(c) tal-Att u qieghed jichdu.**

**Peress li l-kaz gie michud fuq eccezzjoni preliminari, l-Arbitru jordna li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**